KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 8

It-tmien laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Silvio Zammit | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsilliera |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Sindku talab lill-Kunsilliera preżenti sabiex ikunu konċiżi fl-interventi tagħhom u sabiex jinsew id-differenzi politiċi fil-ħidma tagħhom għall-lokal.*

**PUNT 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 7**

1.1 Is-Sindku ressaq il-Minuti bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

1.2 Dwar minuta 3.3, il-Kunsillier P Radmilli qal li minflok is-sentenza 'Il-Viċi Sindku saqsa jistgħux jiffinanzjaw xi ħaga lill-Kunsill', għanda tiġi s-sentenza '**P Radmilli saqsa jekk nistgħux nitolbu fondi għal proġetti, bħal ma huma tabelli. Il-Viċi Sindku issekonda.**'

1.3 M Briguglio qal li t-tieni sentenza tal-minuta 5.7 għanda titneħħa.

1.4 M Briguglio qal li t-tieni sentenza ta' minuta 5.18 għanda tgħid 'Il-pjanta proposta tindika li jista jkun hemm: ħames *parking bays* li jkunu għal siegha biss, ***disabled persons reserved bay***, jitħalla aċċess għall-ambulanza, *un/loading bay* għall-karru tad-dgħajsa.'

1.5 Dwar minuta 7.2, il-Kunsillier P. Radmilli qal li minflok ismu għandu jiġi l-kliem '**Is-Sindku**'.

1.6 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**PUNT 2 MATERJI MILL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 7**

2.0 Dwar minuta 2.1, is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva *photomontage* tal-propost monument. Il-Kunsill qabel illi dan id-diżinn jiġi ċirkolat mal-Kunsilliera permezz tal-email. Il-Kunsilliera għandhom jiddeċiedu permezz tal-email sa nhar l-Erbgħa 19 ta' Settembru 2012.

2.1 Dwar minuta 2.2, M Briguglio qal li mhux kulħadd irċieva l-ittra. Is-Sindku spjega l-kontenut tal-ittra li ntbgħatet lir-residenti sabiex il-Kunsill jikkonsulta magħhom jekk humiex fi qbil ma proposta tal-MEPA sabiex l-art li tinsab bejn *upper u lower Pariso street* tinfetaħx fi triq jew isirx passaġġ permezz ta' taraġ. M Briguglio saqsa jekk il-Kunsill irċiviex risposti mir-residenti. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. M Briguglio qal li jkun xi jkun l-forma tal-aċċess, dan għandu jkun aċċessibli għal persuni b'diżabilta. J Pillow qal li rċieva suġġeriment illi Triq E. Lombardi tiġi magħquda mal-propost taraġ ukoll.

2.2 Is-Sindku sssospenda l-laqgħa. Hin: 18.47

2.3 Il-laqgħa kompliet. Ħin: 18.59

2.4 Is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali, awgura lill-Kunsillier N. Gauci għat-twelid tat-tarbija tiegħu.

2.5 Dwar Punt 3a, li jitkellem dwar ix-xiri jew kiri ta' *photocopier*, is-Segretarju qal li s-sejħa għal kwotazzjonijiet harġet fil-pubbliku u tgħalaq l-aħħar Ġimgħa tax-xagħar ta' Settembru.

2.6 Dwar Punt 4, is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li saru laqgħat mas-Sotto-Kumitat, fejn ġew deċiżi l-frekwenzi tal-knis tat-toroq u l-kwalita tas-servizz mistenni, ħarġet is-sejħa għall-offerti fil-pubbliku l-ġimgħa l-oħra stess. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-knis se jkun responsabbli għal ħasil tal-*litter bins* kollha li jinsabu fuq il-bankini, filwaqt li t-tbattil tagħhom se tkun responsabbilta tal-kollettur tal-iskart mħallat.

2.7 Dwar Punt 6, is-Sindku qal li saru t-tieni intervisti mal-kandidati li kienu magħżula, u l-Kumitat qiegħed jirrakkomanda li tintgħażel s-Sin. Gabriella Cauchi għal pożizzjoni ta' skrivana fuq skala 15. Il-Kunsill approva.

2.8 Dwar Punt 7, il-Kunsillier P Portelli qal li għamel evalwazzjoni tal-offerti kollha li ġew sottomessi, hekk kif kien imqabbad jagħmel mill-Kunsill. Is-Sindku qal li jkun tajjeb illi l-Kunsill jadotta sistema fejn jitwaqqaf Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti Publici, fejn dan jifli bir-reqqa l-offerti kollha li jkunu ġew sottomessi, biex imbgħad iressaq il-pariri tiegħu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Bord ikollu wkoll il-fakulta illi jistieden lill-Kunsilliera u/jew esperti oħra sabiex jassisstu fl-evalwazzjoni tal-offerti, iżda ovjament, dawn ma jkollomx vot fuq il-Bord.

Il-Kunsillier P Portelli qal illi l-għazla ta' min se jagħmel sit elettroniku għal-Kunsill hija urġenti peress illi hemm żmien ta' madwar ġimgħatejn biex persuna tkun tista tibni sit elettroniku.

Il-Kunsill irrisolva illi jkun aħjar illi l-Bord tal-Evalwazzjoni jiġi ffurmat, u li l-ewwel tender li jiġi studjat ikun dak tas-sit elettroniku. Għal dan il-għan, il-Kunsillier P Portelli għandu jiġi mistieden sabiex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu dwar l-offerti sottomessi.

Il-Kunsill qabel li l-membri tal-Bord tal-Offerti Pubbliċi għandom ikunu s-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsillier Dott. Kris Busietta, u l-Kunsilliera Maryanne Aquilina.

Il-Vici Sindku propona li l-Kunsillier M Briguglio ikun ukoll parti min dan il-Bord sabiex b'hekk ikun hemm ħames membri. Il-Kunsillier M Briguglio informa lill-Kunsill li mhux se jkun jista jkun parti minn dan il-Bord peress li bħalissa huwa impenjat bil-finalizzazjoni tad-Dottorat.

Il-Kunsill għaldaqstant qabel illi l-Kunsillier P Radmilli ikun membru wkoll f'dan il-Bord.

Ġie deċiż illi l-Bord tal-Offerti Pubbliċi jiltaqa' nhar it-Tlieta 18 ta' Settembru fis-18.00, fejn l-ewwel punt fuq l-agenda għandu jkun it-tender dwar l-iżvilupp ta' sit elettroniku.

2.9 Dwar Punt 8, is-Sindku qal li flimkien mal-Viċi Sindku u s-Segretarju, qed jiġi diskuss kif se jsir id-dokument tat-tender il-ġdid għat-tiżjin tat-toroq bid-dwal tal-Milied. Huwa qal illi għanda tinħareġ sejħa għal offerti biex jiġu mżejjna ħames żoni f'Tas-Sliema, u li l-offerenti jistgħu japplikaw biex iżżejnu selezzjoni ta' zoni jew iz-zoni kollha. Is-Sindku fakkar li peress li żmien il-Milied qiegħed joqrob, il-ħruġ ta' dan it-tender huwa urġenti. Il-Kunsill Lokali qabel li s-sejħa għall-offerti għanda toħroġ fuq bażi ta' urġenza peress illi t-tizjin fit-toroq għandu jkun lest qabel Diċembru 2012.

**PUNT 3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU/KORRISPONDENZA**

3.0 Is-Sindku qal illi rċieva kommunikazzjonijiet minn persuni differenti illi hemm possibbiltajiet ta' ġemelaġġi ma' lokalitajiet fis-Slovakja u fir-Russja.

3.1 Is-Sindku irrefera għal korrispondenza mibgħuta mill-Ombudsman dwar ilment illi Dr. Stefano Filletti għamel f'isem l-klijent tiegħu, s-Sur Jonathan Vella, fejn dan qed jipprotesta dwar d-deċizjoni illi l-van tiegħu minn fejn ibiegħ il-ġelati jiġi spustat. Is-Sindku qal li ser jitlob għal laqgħa mal-Ombudsman dwar dan il-każ.

3.2 Is-Sindku qal illi rċevejna korrispondenza dwar ħsarat li allegatament ġarrab resident fi Triq Rudolfu s-sena l-oħra fis-sistema tad-drenaġġ tiegħu waqt xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-triq mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li dan il-każ se jiġi diskuss mal-avukat tal-Kunsill.

3.3 Dwar l-bini tat-triq ta' Qui-Si-Sana, s-Sindku qal illi sar *draft agreement* ta' *set off* li la darba iffirmat se jindika illi l-kuntrattur tal-Kunsill preċedenti, 'Polidano Brothers', se jkun tħallas għal parti mill-imsemmija xogħlijiet direttament mill-kumpanija GAP, minflok dawn ħallsu lill-MEPA l-istess ammont f'*Urban Improvement Funds*. Il-Kunsillier K Busietta qal illi dwar dan se ssir laqgħa fl-uffiċċju tal-MEPA nhar id-9 ta' Ottubru.

3.4 Is-Sindku ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Sur Adrian Gatt f'isem *Sliema Residents Association* dwar applikazzjoni ta' żvilupp PA06239/08 biex tiġi żviluppata Villa Bonici. Il-Kunsillier M Briguglio qal li l-Kunsill għandu jkun *Registered Objector* għal dan l-iżvilupp. Il-Kunsill qabel.

3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi nhar it-18 ta' Settembru jibda l-arbitraġġ dwar il-każ ta' Stephen Buhagiar quddiem l-Avukat Philip Manduca.

3.6 Is-Sindku ressaq korrispondenza mill-kumpanija TCTC li qegħda toffri li jerġa jsir il-kors *LearnIT* għal total ta' €1100. Il-Kunsill qabel.

**PUNT 4 ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' XIRI/ORDNIJIET**

4.0 Il-Kunsillier K Busietta qal illi l-bozzoz tat-toroq qed idumu ħafna biex jiġu msewwija, u dan wara li jiġu rappurtati mill-uffiċċju. Hemm każi wkoll illi wara li l-kuntrattur jgħid li l-ħsara tkun issewwiet, din il-bozza tibqa mitfija.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif jaħdem l-NHDJC, u kif il-*contracts manager* 'MED Developers' għandhom jissorveljaw ix-xogħol tal-kuntrattur Mica Med. Il-Kunsill qabel li ssir eżaminazzjoni dwar kif qed jiġi offrut dan is-servizz mill-Kunsill, u li sadattant, il-kontijiet b'numri 24, 25, 27 u 28 jiġu *on hold*.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jivverifika jekk l-impjegati tal-Kunsill humiex jużaw is-sistema elettronika biex jiġu rappurtati bozzoz, u jevalwa r-rapporti tal-*contracts manager* biex jara jekk il-kuntrattur hux isewwi fiż-żmien stipulat u jekk hux qed jeħel il-multi relatati fin-nuqqas ta' dan.

4.1 Il-pagamenti l-oħra kollha tal-iskeda tal-pagamenti ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati.

**PUNT 5 RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO-KUMITATI**

5.0 **Sotto-Kumitat għal Tisbieħ fil-Lokalita** – Il-Kunsilliera V Galea Pace qrat r-rapport li preparat u spjegat il-proposti, li fost oħrajn jinkludu tisbieħ f'numru ta' sqaqien u fetħiet. Proponiet ukoll li jitqegħdu *information boards* f'dawn l-inħawi speċifiċi li juru wkoll ritratti tal-post fil-passat. Il-Kunsilliera V Galea Pace għanda tressaq il-prijoritajiet f'laqgħat sussegwenti tal-Kunsill.

5.1 **Sotto-Kumitat għal Attivitajiet fil-Pubbliku** – Il-Kunsillier P Portelli ppreżenta r-rapport. P Portelli fakkar lill-Kunsilliera sabiex jibgħatu l-artikoli tagħhom għal fuljett tal-Kunsill fejn juru x'ħidma għamlu fid-dekasteri rispettivi tagħhom. Huwa kompla billi qal li ammont ta' kumpaniji privati qegħdin jipproponu li jqgħedu *bicycle racks* fuq il-*promenade* sabiex jħeġġu l-ħaddiema tagħhom jiġu għax-xogħol bir-rota. Il-Kunsill qabel li dawn jistgħu jiġu stallati.

P Portelli qal ukoll illi fir-rapport hemm proposta konkreta ta' kundizzjonijiet illi għandhom jibdew jiġu imposti mal-permessi li joħroġ il-Kunsill għal attivitajiet fuq propjeta pubblika, fosthom f'ġonna u toroq. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dawn il-kundizzjonijiet fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill biex b'hekk il-Kunsilliera jkollom ċans jgħarblu l-proposta.

5.2 **Sotto-Kumitat tal-Bajjiet** – Il-Kunsillier M Briguglio talab għal rapport dwar taħrikiet li ħarġu fuq il-bajjiet dan is-sajf, speċjalment dawk relatati ma' kontravenzjonijiet ambjentali. Huwa qal ukoll illi s-sajjieda kienu kitbu lill-Kunsill u li l-Kunsill qatt ma wieġeb. Huwa ħeġġeġ li tintbgħat ir-risposta mill-Kunsill.

Dwar il-*Bye-Law* fuq il-BBQs, M Briguglio qal li kkonsulta mar-residenti fejn dawn indikaw li għandu jkun permess li isiru BBQs fuq bajjiet, iżda li forsi jistgħu jiġu identifikati żoni fejn tali BBQs ma humiex permissibbli. M Briguglio qal li se jiddiskuti dan il-punt mas-Sotto Kumitat u sabiex sadattant jingħata kopji ta' *Bye-Laws* simili ta' Kunsilli oħra u tal-*Bye Law* dwar BBQs fi Qui Si Sana li kienet ġiet proposta mill-Kunsill precedenti.

Il-Kunsill qabel ukoll illi la issa spiċċa s-sajf, l-*green wardens* għandhom jieqfu mis-servizz tagħhom minn fuq il-bajjiet u jagħmlu sforz akbar fuq il-ħruġ ta' skart f'ħinijiet irregolari.

**PUNT 6 *RESIDENTS PARKING SCHEME* F'TAS-SLIEMA**

6.0 Il-Viċi Sindku preżenta kopja ta' ittra li ntbagħatet lir-Residenti għal kummenti tagħhom bi proposta ta' tibdil fl-immanigjar tat-traffiku fit-toroq Amery u Gorg Borg Olivier.

6.1 Il-Viċi Sindku preżenta rapport għall-implimentazzjoni ta' *residents parking scheme* f'Tas-Sliema. Huwa qal illi din l-implimentazzjoni għanda ssir preċiżament kif imniżżel f'Avviz Legali 200 tal-2009 u kif diriġuti minn Transport Malta f'ittra datata 20 ta' Novembru 2008 bir-riferenza tagħhom 1251/TMD/04 u 159/TMD/05.

Il-Viċi Sindku qal li l-implimentazzjoni tista ssir f'fażijiet differenti jew kollha f'daqqa. Dan għad irid jiġi stabbilit, fejn tali deċiżjoni għanda tittieħed skont liema sistema tista tiġi implimentata bl-aktar

mod effiċjenti. Il-Viċi Sindku ta' spjega ta' kif titħaddem tali sistema, u min għandu dritt għal permess u kif jinħareġ tali permess.

Il-Viċi Sindku ikkonkluda li sabiex din is-sistema tiġi implimentata irid l-ewwel jiġi studjat sew l-Avviz Legali sabiex inkunu ċerti min għandu d-dritt jingħata tali permess tal-parkeġġ hekk kif ukoll jingħata l-kuntratt għall-manutenzjoni ta' sinjali u tabelli tat-traffiku.

Il-Viċi Sindku propona wkoll illi wara li l-iskema tiġi implimentata fit-toroq mniżżla fl-Avviz Legali, issir applikazzjoni ma' Transport Malta biex din is-sistema tespandi fit-toroq l-oħra ta' Tas-Sliema. Huwa propona ukoll illi l-permessi għandhom ikollom *cut off date* biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu riveduti kull sentejn.

Il-Kunsill qabel li ir-*Residents Parking Scheme* tigi implimentata.

**PUNT 7** ***CONTRACTS MANAGER***

7.0 Is-Segretarju qal li għaddew tlett siegħat diġa, u l-Kunsill għandu japprova jekk ikomplix bil-laqgħa. Il-Kunsill qabel.

7.1 Il-Kunsillier M Briguglio qal li huwa ra l-kuntratt tal-*contracts manager* u qal li l-contracts manager mhux jaghmel ix-xogħol kif deskritt fil-kuntratt. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju spjega x'jinvolvi il-kuntratt, u qal li fl-interita tiegħu, l-kuntratt huwa wieħed tajjeb.

Il-Kunsill qabel li ssir laqħa mal-*contracts manager* sabiex jissorvelja aħjar il-ħidma tal-kuntratti mniżżla fil-kuntratt tiegħu, speċjalment *in vista* li dawn il-kuntratti issa se jinbidlu.

**PUNT 8** **SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

8.0 Il-Kunsillier M Briguglio qal li għad hemm ħsarat viżibbli fil-qiegħ tal-pont li jaqsam Triq il-Kulleġġ l-Antik. Huwa qal li l-Kunsill diġa ddiskuta din il-materja diversi drabi, imma qatt ma ikkonkluda xejn.

8.1 Il-Kunsillier K Busietta ħareġ mil-laqgħa. Ħin: 21.57

8.2 Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lil Transport Malta b'kopji lil Ministru Austin Gatt u l-Prim Ministru sabiex Transport Malta tirranġa l-Ħsarat preżenti.

**PUNT 9** **AĠĠORNAMENT**

9.0 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-18 ta' Ottubru 2012 fis-18.00

9.1 Il-laqgħa ntemmet. Hin: 22.10

Minuti approvati llum

| | |
|---|---|
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |